MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 5/2001/2

**Carmel Mifsud**

**vs**

**Peter Paul Zerafa**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Ottubru 2006, il-Bord li jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Ic-Chairman,
>
> Ra r-Rikors li permezz tieghu r-rikorrent, wara li ppremetta illi huwa proprejtarju tas-segwenti porzjonijiet raba u cioe':
>
> a. porzjon raba maghrufa bhala "Ta' Venuta" sive "tal-Qorti tar-Ramla" fil-limiti tan-

Nadur, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka tliet mija u wiehed u sittin metru kwadru (361mk) u tmiss min-nofsinhar ma’ beni tal-familja Zerafa, punent ma’ beni ta’ Emanuel Muscat u lvant ma’ beni ta’ Ganni Camilleri;

b. porzjon raba’ maghrufa bhala “ta’ Venuta” sive “tal-Qortin tar-Ramla” fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka erba’ mija u sebgha metri kwadri (407m.k.) u tmiss mill-grigal ma’ beni ta’ Ganni Said, lbic ma’ beni ta’ Frenc Azzopardi u xlokk ma’ beni ta’ Emanuel Portelli; u

c. porzjon raba’ msejha “Ta’ Venuta’ fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka elf mija u tmienja u disghin metri kwadri (1198m.k.) u tmiss lvant ma’ passagg, lbic ma’ beni ta’ Taddeo Rapa u tramuntana u nofsinhar ma’ beni ta’ terzi maghrufa bhala “ta’ Pixka”.

Illi dan ir-raba huwa mqabbel lill-intimat;

Illi l-esponenti jehtieglu dan ir-raba’ ghal skopijiet agrikoli u din sabiex tinhadem minnu personalment u mit-tfal tieghu u dan ai termini ta’ l-Artikolu 4(2)(a) tal-Kap 119 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-intimat jiehu l-beneficcji tas-sigurta socjali peress illi jiddikjara illi huwa bla xoghol;

Illi fl-ahhar snin l-intimat ma hadimx l-istess raba ghal skopijiet agrikoli izda utilizza parti mill-istess raba biss biex jonsob fih.

Talab li dan il-Bord joghgbu prevja l-likwidazzjoni ta’ kwalsiasi kumpens li jista’ jkun dovut lill-intimat ai termini ta’ l-Artikolu (4)(4) tal-Kap 119 tal-Ligijiet ta’ Malta, jawtorizzah li jirriprendi l-pussess ta’ l-art fuq imsemmija mir-rikorrent wara l-iskadenza li jmiss.

Ra r-Risposta ta’ l-intimat fis-sens illi:

1. illi huwa jopponi ruhu ghat-talbiet tar-rikorrenti ghar-ripresa ta’ l-istess raba u dana peress illi dana r-raba huwa fonti importanti ta’ l-ghejxien ghalih u ghall-membri tal-familja tieghu.

2. illi kuntrarjament ghal dak li hemm allegat fir-rikors, m’huwiex minnu li r-rikorrenti ghandu bzonn l-istess raba ghal skopijiet agrikoli biex jahdimha huwa personalment jew xi hadd minn uliedu. Illi fil-fatt ir-rikorrenti jahdem mal-Gvern u wara x-xoghol huwa u uliedu jahdmu fis-sengha tal-bini. Illi fir-realta r-rikorrenti jrid dan ir-raba biex jikkonvertih f’mansab ghall-ghasafar. Ghaldaqstant jekk it-talba tar-rikorrenti ghar-ripresa ta’ l-istess raba tigi milqugha, il-hardship ta’ l-intimat u tal-membri tal-familja tieghu sejra tkun ferm akbar.

3. salvi risposti ohra fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kaz, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti.

Ra n-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta’ dan ir-Rikors ir-rikorrent qed jitlob it-terminazzjoni tal-kirja ta’ l-art indikata fl-istess Rikors u r-ripresa taghha ghal zewg ragunijiet u cioe' illi:

(i) Huwa ghandu bzonn dan ir-raba ghal skopijiet agrikoli ghalih personali; u

(ii) l-intimat ma hadimx l-istess raba, izda utilizza parti minnha biss biex jonsob.

Huwa maghruf illi sabiex wiehed jirnexxi f'talba simili ghar-ripresa ta' art agrikola biex tinhadem mir-rikorrenti jew xi membru tal-familja tieghu, jinhtieg li jigu sodisfatti tliet rekwiziti, u cioe' illi:

(i) is-sid irid jipprova l-bzonn tieghu;

(ii) jekk jigi pruvat dan il-bzonn, il-Bord jara jekk id-dhul mir-raba jikkostitwix fonti mportanti ghall-ghejxien ta' l-inkwilin, u

(iii) f'kaz affermattiv il-Bord irid imbaghad jizen il-hardship rispettiv tal-partijiet u jara min minnhom jista' jbati l-iktar jekk it-talba tigi accettata nkella rifjutata.

Fil-kaz in ezami r-rikorrent ighid li jrid jiehu lura l-art in kwistjoni sabiex jahdimha hu. Dwar il-grad ta' bzonn mehtieg fir-rikorrent gie stabbilit illi:

> "Il-kelma requires fil-kontest li hija uzata fl-art. 4(2) (b) insibuha ukoll uzata fil-ligi tal-Kera, u fil-fehma tal-Bord ghandha jkollha l-istess sinjifikat u interpretazzjoni li gie moghti lil dik il-kelma f'dik il-ligi. Infatti huwa car li l-kelma requires bhal mehtieg fit-test Malti, tindika bzonn, mhux semplici xewqa jew preferenza. Ghalhekk hu applikabbli dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell f' A.Saliba v. M.Caruana illi: 'Il-piz tal-prova ta' dan il-bzonn hu fuq is-sid li jehtieg juri mhux biss li hu qed jagixxi in buona fede, imma anke li hu ghandu bzonn li jirriprendi pussess tal-fond. Certament mhux mehtieg li tigi pruvata necessita' assoluta, izda… jehtieg jigi pruvat grad ragonevoli ta' bzonn'…." [1]

Jirrizulta mill-provi prodotti illi r-rikorrent jixtieq jirriprendi r-raba in kwistjoni, konsistenti fi tliet bicciet distinti li jkejlu komplessivament 1966 metri kwadri, sabiex jahdimha hu u jghallem lit-tfal

[1] Bord, Malta: E.Fenech v.M.Mercieca: 26.1.68; ara wkoll: Bord,Ghawdex:F.Xuereb v.L.Muscat u L.Galea v G.Muscat

tieghu biex 'il quddiem ikun jista' jghaddihielom. M'ghandux raba iehor fil-pussess tieghu u ghalhekk ikun jista' jikkoncentra sabiex juzufruwixxi mill-ahjar li jista' minn din ir-raba. F'dan il-kuntest huwa sinjifikanti l-principju ribadit kemm-il darba minn dan il-Bord f'kazijiet simili illi: "the best conditions of husbandry are created when the holder of the land fills the role of both owner and cultivator."[2] Zgur ghalhekk illi bhala sid, ir-rikorrent ikun jista' jisfrutta mill-ahjar li jista' r-raba de quo fl-interess tieghu.

Billi r-rekwizit tal-bzonn da parti tar-rikorrent gie sodisfacentement ippruvat, il-pass li jmiss huwa li jigi ezaminat kemm ir-raba in kwistjoni jista’ jitqies bhala fonti mportanti tal-ghejxien ta’ l-intimat. F'dan ir-rigward, il-Bord ma jridx jissodisfa ruhu biss jekk ir-raba de quo tikkostitwix il-fonti principali ghall-ghejxien ta’ l-intimat, imma bizzejjed jekk tikkostitwixxi fonti importanti tal-ghejxien tieghu u tal-membri tal-familja tieghu. Mill-provi jirrizulta illi l-intimat huwa mizzewweg b'zewgt itfal li ghadhom taht l-eta' u ghadhom jiffrekwentaw l-iskola. Huwa disimpjegat, u jircievi l-ghajnuna socjali tal-gvern fl-ammont ta' tmienja u tletin lira maltija (Lm38) fil-gimgha. Ir-raba li ghandu f'idejh tinhadem minnu u r-rikavat minn din ir-raba huwa ta' madwar erba' mitt lira maltija (Lm400) fis-sena. Mill-prodott izomm ghall-bzonnijiet tal-familja u l-bqija jbieghu l-pitkalija ta' Malta. Ghandu xi tomnejn raba ohra f'idejh bi qbiela li huwa jikkoltiva wkoll. M'ghandu l-ebda investimenti jew depoziti bankarji u ebda dhul minn xi sors iehor. F'dawn ic-crikostanzi, ir-raba in kwistjoni ma tistax ma titqiesx bhala fonti mportanti ta' l-ghejxien ta' l-intimat u l-familja tieghu.

---

[2] vide Abensour and Moral-Lopez: Principles of Land Tenency Legislation: FAO,Rome 1966

Jibqa' ghalhekk sabiex jigi ezaminat il-hardship rispettiv tal-partijiet. Ir-rikorrent huwa impjegat bhala beach cleaner full-time mal-Gvern. Barra minn hekk jghin lit-tifel il-kbir tieghu bhala bennej fix-xoghol tal-kostruzzjoni, imma fuq bazi rregolari. Huwa mizzewweg b'erbat itfal u minn dawn, il-kbir biss jahdem. Issemma li ghandu wkoll xi appartamenti bhala proprjeta' tieghu u dan ma giex innegat. Zgur illi bir-raba in kwistjoni f'idejh, ir-rikorrenti jkun f'posizzjoni jkabbar id-dhul tieghu, imma, b'daqshekk ma jistax jinghad illi minghajr l-istess raba ser isofri xi tbatija partikolari. Hija wkoll f'lokha l-osservazzjoni maghmula mill-intimat illi ghal dak li jirrigwarda r-rikorrent, jekk hemm xi hardship dan huwa self-inflicted, ghax din ir-raba huwa akkwistaha b'xiri fil-konsapevolezza illi kienet imqabbla ghand terzi.[3]

Minn naha l-ohra jekk tittiehed din ir-raba, li prattikament tikkostitwixxi nofs ir-raba kollu mahdum mill-intimat, ser jitnaqqas sostanzjalment id-dhul tieghu u fil-kaz tieghu certament ma jistax jinghad illi n-nuqqas ta' din ir-raba m'hi ser taghmel ebda differenza ghall-ghejxien tal-familja tieghu. F'tali cirkostanzi jirrizulta ghalhekk illi l-hardship ta' l-intimat u tal-familja mmedjata tieghu jkun ferm akbar jekk din it-talba tintlaqa' milli kieku jkun dak tar-rikorrent kieku t-talba tieghu tigi michuda. Safejn ghalhekk it-talba ghar-ripresa hija bbazata fuq il-htiega ghar-rikorrent, qed tigi michuda.

Nigu ghat-tieni raguni. Ir-rikorrent jallega wkoll illi l-intimat mhux jahdem ir-raba ghal skopijiet agrikoli u juza partijiet minnha biss biex jonsob fiha. A tenur tar-raguni msemmija fil-paragfrafu (d) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 199, ir-rikorrent irid igib il-prova li l-intimat halla l-ghalqa mhix mahduma

[3] ara Appell Civ. 30.6.1947 Spiteri vs Spiteri, u Appell Civ.28.1.1957 Salvatore Ebejer vs Salvatore Ciappara

ghal perijodu ta' tnax-il xahar konsekuttivi fis-sentejn ta' qabel id-data tat-terminazzjoni tal-kirja. Rikors quddiem dan il-Bord, ibbazat inter alia fuq talba simili, kien gie michud appuntu ghax ma giex ippruvat sodisfacentement illi l-intimat kien halla l-art zdingata ghall-perijodu rikjest mill-ligi.[4] L-istess fil-kaz prezenti, insibu illi ghalkemm l-intimat tassew ghandu d-delizzju ta' l-insib, ma jidhrix illi ghandu mnasab fir-raba in kwistjoni, imma fir-raba l-ohra li ghandu f'idejh, u li dawn l-imnasab jinsabu f'partijiet li m'humiex kultivabbli. Lanqas ma ngiebet ebda prova illi r-raba de quo agitur ma kienx qed jinhadem ghaz-zmien stipulat mill-ligi. Ghall-kuntrarju, mill-access mizmum fuq il-post, irrizulta illi t-tliet bicciet raba li taghhom ir-rikorrent qed jitlob ir-ripresa, huma kkoltivati sew u ma jaghtu ebda dehra ta' abbandun.[5] Ghalhekk lanqas ghal din ir-raguni t-talba tar-rikorrent ma tista' tirnexxi.

Ghal dawn il-motivi, jiddeciedi ghalhekk ir-Rikors billi jichad it-talba tar-rikorrenti ghat-terminazzjoni tal-kirja tar-raba ndikata fir-rikors u r-ripresa taghha minghand l-intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”

Ir-rikorrenti jghid li hassu aggravat b’ din is-sentenza u bl-appell tieghu qed jitlob ir-revoka taghha. L-obbjezzjonijiet tieghu fil-kontestazzjoni taghha jirpozaw fuq dawn iz-zewg binarji:-

(1) Il-wahda, relattiva ghal paragun tal-*hardship* evalwat mil-Bord;

(2) Tat-tieni, ir-rijaffermazzjoni tal-kawzali illi l-intimat naqas milli jahdem ir-raba’ *de quo* skond l-iskop originarju tieghu;

[4] Rik.49/1972:Ganni Attard et vs Bertu Muscat ,deciz fit-3.09.1975
[5] ara verbal ta' l-access tat-18 ta' Mejju 2006

L-intimat wiegeb ghal dan l-appell billi l-ewwelnett ikkuntrasta s-sottomissjonijiet ta' l-appellanti fir-rigward taz-zewg aggravji appena elenkati. Fit-tieni lok ghadda biex jintroduci appell incidentali kontra l-konsiderazzjoni tal-Bord fejn dan accetta l-kawzali tal-bzonn vantat mill-appellanti;

Bl-ewwel motiv introdott bl-appell tieghu, ir-rikorrenti jsostni primarjament illi l-Bord attribwixxa konsiderazzjoni lill-qaghda finanzjarja tal-kontendenti meta kellu, invece, jiffoka aktar fuq dik l-intenzjoni tal-legislatur, u tieghu nnifsu, li jisfrutta ahjar il-produzzjoni agrikola tar-raba' lokat;

Jibda biex jigi osservat illi, kif inhu rikonoxxut mis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 199, ipprovat il-bzonn minn sid il-fond, il-ligi taghti d-dritt lill-inkwilin li jirrezisti t-talba tas-sid ghall-izgumbrament tieghu mir-raba' jekk jipprova li r-raba' hu fonti importanti ghall-ghixien tieghu u tal-familja tieghu u fil-kaz li jirnexxielu jikkonvinci lill-Bord li l-*hardship* tieghu jkun akbar minn dak tas-sid jekk hu jigi evitt;

Premess dan, jigi ulterjorment osservat illi, attiza l-prova tal-bzonn mis-sid jew dik tal-prova mill-inkwilin li r-raba' hu fonti importanti ghall-ghixien tieghu u tal-familja, l-*hardship* relattiv ta' xi wiehed minnhom fuq din il-bazi ma jaghtix lok b' mod awtomatiku ghall-akkoljiment jew ir-rigett tat-talba. Dan ghaliex fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-ebda prova bhal din, kemm jekk maghmula mis-sid jew mill-kerrej, ma ghandha *a se stante* jkollha supremazija gerarkika wahda fuq l-ohra imma z-zewg provi ghandhom, se mai, jircievu trattament parifikatorju u ekwitattiv flimkien ma' cirkustanzi ohra;

Huma diversi l-konsiderazzjonijiet li jidhlu *in ballo* fl-evalwazzjoni tal-*hardship.* Ghall-ahjar illustrazzjoni l-Qorti

qed telenka x’ uhud minnhom, anke jekk il-lista mhix necessarjament ezawstiva:-

(1) Jekk il-bzonn tas-sid huwiex immirat biex itejjeb il-qaghda ekonomika tieghu u tal-familja. Ara “**Anthony Abela *et* -vs- Francis Degabriele**”, Appell, 9 ta’ Lulju 1999;

(2) Jekk ir-raba’ huwiex tabilhaqq fonti importanti ghall-ghixien tal-kerrej b’ mod li jekk ir-raba’ jittehidlu l-mezzi tal-ghixien tieghu u tal-familja jkunu markatament ippregudikati, anke jekk mhux necessarjament b’ mod determinanti jew vitali. Ara “**Giuseppa mart Leonardo Sacco *et* -vs- Joseph Sacco**”, Appell, 31 ta’ Mejju 1996;

(3) Jekk verament is-sid iridx jirriprendi l-pussess tar-raba’ ghal dawk l-“iskopijiet agrikoli” li jippreciza l-Artikolu 4 (2) (a) tal-ligi specjali u, mhux ukoll, li wara li jottjeniha, jispekulaha xort’ ohra. Ara “**Evangelista Xuereb -vs- John Agius *proprio et nomine***”, Appell, 16 ta’ Jannar 1976;

(4) Jekk ukoll f’ dan l-isfruttament minnu ta’ l-iskopijiet agrikoli s-sid kienx behsiebu jintroduci innovazzjonijiet agrikoli radikali, kwalitativi u kwantitativi, aktar u aqwa minn dawk kompjuti mill-gabillott. F’ dan il-kuntest jista’ jkollha rilevanza wkoll il-konsiderazzjoni tal-benefikati li l-kerrej ikun ghamel u jkun ser jitlef jekk jigi zgumbrat. Vide “**Grazia Mangion -vs- Antonio Mifsud *et***’, Appell, 25 ta’ April 1960. F’ kelma wahda, il-gravita` ta’ l-evizzjoni ghall-kerrej;

(5) Dejjem f’ dan l-istess apprezzament tal-*hardship* ghandhom parti mhux biss l-elementi oggettivi imma wkoll dawk soggettivi. *Inter alia*, il-kondotta tar-rikorrenti ghal kaz ta’ *self inflicted hardship*. Ara “**Salvatore Ebejer -vs- Salvatore Ciappara**”, Appell, 28 ta’ Jannar 1957. Ukoll, jekk is-sid jew il-kerrej ghandhomx raba’ iehor disponibbli;

Xejn ma hu “a prioristikament” eskluz mill-valutazzjoni ta’ dawn id-diversi fatturi fil-konsiderazzjoni tal-*hardship*. Hu proprju ghalhekk li f’ dan, il-ligi tat diskrezzjoni wiesgha lill-Bord u halliet fil-prudenza tieghu biex jivvaluta b’ mod bilancjat ic-cirkustanzi partikulari ta’ kull kaz, salv l-imposizzjoni ta’ dak id-dmir suprem li fl-uzu ta’ l-apprezzament diskrezzjonali tieghu jevita l-akbar *hardship* ghal xi wiehed mill-kontendenti;

Fermi dawn ir-riflessjonijiet introduttivi din il-Qorti, fuq ir-ri-ezami minnha kondott tal-provi istruttorji, ma tarax li ghandha ticcensura lill-Bord fl-ezercizzju minnu maghmul tal-*hardship* rispettiv tal-kontendenti. Obbjettivament, ir-raba’ kien qed jigi gestit kif imiss mill-kerrej u skond l-oggett ghal liema kien iddestinat. Jigifieri ghal kultivazzjoni tieghu u skond dik l-attivita fruttifera li tirrendilu qligh. Dan kemm f’ sens ekonomiku kif ukoll biex jinkrementa l-produttivita` ta’ l-istess raba’. Meta allura jinstab li din id-destinazzjoni tar-raba’ hi stabbilment mantenuta mhux bilfors u dejjem il-manifestazzjoni ta’ l-intenzjoni mis-sid li mill-istess raba’, anke bl-introduzzjoni ta’ giebja fiha, kapaci jidderivi sfruttament u rendita magguri, sija ekonomikament sija fil-kwalita, ghandha ghaldaqshekk teghleb l-ekwilibriju favur tieghu u kontra il-kerrej li mill-istess raba’, u, ghaliex le, fil-qaghda finanzjarja tieghu komparibbli ma’ dik tas-sid, ikun qed jirrikava produttivita` apprezzevoli ghal vantagg tieghu, u sors ta’ dhul tajjeb ta’ qligh ghall-bzonnijiet tal-familja tieghu. Ma jidherx li f’ dawn ic-cirkustanzi, fin-nuqqas ta’ konvinciment plawsibbli, il-Bord seta’ jevita li jittutela kif jixraq lill-appellat ghal dik li hi l-fonti primarja tad-dhul tieghu. *Multo magis*, imbaghad, meta akkoppjat ma’ dan, il-qaghda reali turi li l-appellanti ghandu wkoll diversi bicciet ohra tar-raba’ ghad-disposizzjoni tieghu. In vista ta’ dan l-ewwel ilment ma jistax jitqies sostenibbli;

Bit-tieni motiv l-appellanti anke f’ dan l-istadju qed jiddeduci b’ ripetizzjoni illi l-appellat kiser id-dispost tas-subinciz (d) ta’ l-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 199. Huwa jissottometti *ex novo* illi dan hadem biss nofs ir-raba’ ghax

in-nofs l-iehor hu okkupat minn imnasab. Dejjem skond l-appellanti din il-parti bdiet tigi kkultivata wara li bdiet il-kawza;

Indubbjament, skond il-mudell maghruf tal-*bonus paterfamilias*, ghal liema tirreferi l-ligi komuni taht il-Kodici Civili, hu dmir ta’ kull kerrej illi dan jaghmel uzu mill-haga mikrija skond l-oggett prefiss mill-ftehim jew, fin-nuqqas, skond l-uzu prezunt mic-cirkustanzi [Artikolu 1554 (a)]. Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet “**Giuseppe Caruana -vs- Angelo Bonavia *et***”, Appell, 17 ta’ Frar 1958, “Dan ighodd ukoll fil-kaz ta’ raba’, u jekk il-kerrej ma jahdemx ir-raba’ huwa ma jkunx qieghed jaghmel minnu uzu ta’ missier tajjeb tal-familja”;

Dan premess, fil-fattispeci, din il-Qorti ma ssibx li tezisti raguni sufficcjenti biex, kif qed tigi invitata mill-appellanti, hi tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta mill-Bord fuq dan il-punt. Ghalkemm hu veru li mill-provi rrizulta li l-appellat ghandu l-passatemp ta’ l-insib, l-allegazzjoni ta’ l-appellanti illi l-kerrej tieghu ghandu mnasab fir-raba’ mikri ma tirrizultax fondata. Kemm mix-xhieda ta’ l-appellat (fol. 192), kif korroborata minn dik ta’ Patrick Grech (fol. 218), l-imnasab jinsabu fuq il-parti blatija fil-konfini tar-raba’ imma mhux ukoll fil-parti kkultivata. Lanqas lill-istess Bord fl-access mizmum fit-18 ta’ Mejju 2006 (ara traskrizzjoni tieghu a fol. 263) ma rrizultalu li r-raba’ thalla zdingat jew ghall-attivita` in parti tad-delizzju ta’ l-insib. Anke allura dan l-ilment qed jigi skartat bhala infondat;

La l-Qorti sabet illi l-appellanti ma ghandux raguni fl-ebda wiehed miz-zewg aggravji sottomessi lilha, ma tarax li hu l-kaz li toqghod tinoltra ruhha fil-konsiderazzjoni ta’ l-appell incidentali, ghax dan ikun, fil-fehma taghha, ezercizzju futili fic-cirkustanzi.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti tichad l-appell principali tar-rikorrenti appellanti fiz-zewg aggravji devoluti

lilha. Fic-cirkustanzi qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-appell incidentali. L-ispejjez ta' din il-procedura, hlief ghal dawk ta' l-appell incidentali li jitbatew mill-appellat, jibqghu a karigu ta' l-appellant principali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------